**31 ta' Jannar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

Feliċ Carabott et.

**"Talkies" — Liċenza — Prinċipal — Impjegat — Art. 25 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Ir-responsabilità tat-titolar tal-liċenza ta' "talkies" hija diretta u personali; u konsegwentement dak it-titolar tal-liċenza huwa responsabbli tal-kontravvenzjoni kommessa mill-impjegat tiegħu li jammetti għall-wirja ta' film persuni ta'*

*età li għalihom il-"film" ikun ġie mgħoddi bħala mhux tajjeb miċ-ċensuri.*

*Il-liġi ma tippreskrivi ebda mezz biex fiġi aċċertat mill-ġerenti taċ-ċinema kemm għandu snin l-ispettatur prospettiv; imma fil-ġeneralità tal-każi ma tantx ikun hemm diffikultà, għax wieħed jista' jiġġudika mid-deher. Jista' però jinqala' "border-line case", fejn l-apparenza fiżika tal-persuna li tippreżenta ruħha għad-dħul tkun tali li wieħed minn wiċċha, mit-tul tagħha, u minn figuritha in ġenerali, ma jistax ma jemminhiex meta dik il-persuna tiddikjara li għandha tant snin. L-unika ħaġa li tista' tiġi enunċjata hi biss dik li f'dawn il-każijiet għandhom jiġu eżaminati mill-Qorti ċ-ċirkustanzi partikulari 'caso per caso'. Imma, meta l-ispettatur ikun "ictu oculi" jidher li hu taħt ċerta età, allura l-pożizzjoni tal-imputat tkun inkapaċi ta' difiża, u ebda assikurazzjoni kuntrarja li jkun għamillu l-ispettatur ma tiskużah.*

*Il-fatt li l-impjegat tal-liċenzjarju jkun staqsa lill-ispettatur prospettiv l-età tiegħu ma hux dirimenti tal-imputabbilità tiegħu; għax il-faċli kredulità f'ċirkustanzi simili tammonta għal dak li fis-sistema ġuridiku ngliż jissejjaħ "wilfully shutting one's eyes", u kwindi għal "criminal misconduct", u fil-każ ta' akkuża simili "kolpa kontravvenzjonali".*

*Il-fatt li persuna taħt l-età preskritta tkun akkompanjata mill-ġenituri tagħha, u dawn jiddikjaraw lill-impjegat li huma jieħdu r-responsabbiltà ta' binhom jew binthom, fiċ-ċirkustanzi għandu jżid is-suspett tal-impjegat, apparti l-apparenza fiżika tat-tifel jew tifla.*

*Ir-responsabbiltà, mbgħad, tal-impjegat tiġi ndotta mill-fatt tiegħu stess; għax jekk hu kkontribwixxa fil-kommissjoni tar-reat, allura hija konsiderazzjoni għal kollox indifferenti jekk kienx impjegat jew le; għax l-imputabbiltà tiegħu tkun radikata mhux fuq il-kwalità tiegħu ta' mpjegat, imma fuq il-prinċipji ġenerali; skond liema prinċipji għandhom jirrispondu għall-kommissjoni ta' reat dawk kollha li jikkonkorru fih xjentement.*

*Jekk l-impjegat ikun indaħal biex jiddisbriga dan ix-xogħol biex jgħin lil ħadd ieħor, anki jekk hu missieru, hu jiġi li qiegħed ruħu taħt l-awtorità tal-liċenzjarju, anki jekk jagħmel dak ix-xogħol gratuwitament u "pro tempore". Ir-responsabbiltà multipla f'każijiet konsimili hi kontemplata mill-Kodiċi Kriminali fl-art. 25.*

**Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputati talli f'Raħal Ġdid, fis-26 ta' Ottubru 1958, Feliċ Carabott bħala l-persuna li għandha l-liċenza tal-Viceroy Cinema, u Cyril Hannaford u Billy Hannaford bħala impjegati tal-istess Viceroy Cinema, daħħlu għall-wirja tal-film "Agli Ordini del Re" tas-6.10 p.m. — li dan il-film huwa ċċertifikat miċ-ċensuri bħala tajjeb għall-persuni ta' 16 il-sena u l-fuq — persuni ta' taħt is-16 il-sena u persuni ta' fuq il-5 snin;**

**Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Novembru 1958, li biha sabithom ħajta u kkundannathom għall-ammenda ta' £5 kull wieħed;**

**Rat ir-rikors li bih l-imputati appellaw mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talbu li tiġi revokata u li huma jiġu liberati;**

**Trattat l-appell;**

**Ikkunsidrat;**

**Ir-responsabbiltà tal-"licencee" hi diretta u personali bħala titolari ta' liċenza (ara Appell Kriminali "Pulizija vs. Debono 26 ta' Jannar 1948). Dik ta' Cyril Hannaford hi wkoll responsabbiltà ndotta mill-fatt tiegħu stess; għax jekk hu kkonkorra fil-kommissjoni tar-reat, allura hi konsiderazzjoni għal kollox indifferenti jekk kienx impjegat jew le, għaliex l-imputabbilità tiegħu tkun radikata, mhux fuq il-kwalità tiegħu ta' impjegat, imma fuq il-prinċipji ġenerali, skond liema għandhom jirrispondu għall-kommissjoni ta' reat dawk kollha li jikkonkorru xjentement f'dik il-kommissjoni. Del resto, malli Billy Hannaford beda jid-**

disbriga dan ix-xogħol, sija pure biex jgħin lill-missieru, l-imputat l-ieħor Cyril Hannaford, hu ġie li qiegħed ruħu taħt l-awtorità tal-imputat Carabott, sija pure gratuwitament u "pro tempore". Ir-responsabbiltà multipla f'każijiet konsimili hi kontemplata fl-art. 25 Kod. Kriminali;

Din il-Qorti diġà kellha okkażjoni tippronunzja ruħha fuq imputazzjoni simili; u fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Borg", deċiż fit-13 ta' Diċembru 1952, qalet hekk:— "Issa, il-liġi ma tippreskrivix ebda mezz biex jiġi aċċertat mill-ġerenti taċ-ċinema kemm għandu snin l-ispettatur prospettiv, vwoldiri ebda mezz speċjali, bħal, per eżempju, il-preżentata fil-waqt tad-dħul ta' xi tessera jew xi ħaġa oħra probatorja. S'intendi, fin-normalità tal-każijiet ma tantx ikun hemm diffikultà, għax wieħed ġeneralment jista' jiġġudika mid-deher; imma jista' jinqala' "border line case", dak ċjoè li fih l-apparenza fiżika tal-persuna li qegħedha tippreżenta ruħha għad-dħul tkun tali li wieħed, minn wiċċha, mit-tul tagħha, u minn figuritha in ġenerali, ma jistgħax ma jemminx lil dik il-persuna jekk tiddikjara li għandha...... (tot) ...... snin; għalhekk l-uniku ħaġa li tista' tiġi enunċjata hija biss dik li f'dawn il-każijiet għandhom jiġu eżaminati mill-Qorti ċ-ċirkustanzi partikulari "caso per caso". Meta, s'intendi, l-ispettatur ikun "ictu oculi" jidher (kif fil-fatt jinstab li jkun) taħt...... tot...... snin, allura l-pożizzjoni tal-imputat tkun inkapaċi ta' difiża, u ebda assikurazzjoni kuntrarja li jkun għamillu l-ispettatur ma tiskużah";

Issa, f'dan il-każ, it-tliet itfal Francis Bartolo, Lino Balzan u Michael Micallef, fil-fatt, dak inhar ta' din ir-rappreżentazzjoni ċinematografika, kellhom rispettivament 14 il-sena u tmien xhur, 14 il-sena u erbgħa xhur, u 14 il-sena u għaxar xhur;

Di pjù, il-Qorti kkonstatat "de visu", seduta stante, li mill-apparenza tagħhom, anki fil-jum tas-seduta, meta kienu għaddew kważi tliet xhur oħra, huma kienu jidhru "ictu oculi" ta' età iżgħar minn 16 il-sena. Il-fatt, anki kieku veru, li l-imputati Hannaford, staqsewhom l-età tagħhom, ma hux dirimenti tal-imputabbilità tagħhom, għax

il-faċili kredulità f'ċirkustanzi simili tammonta għal dak li fis-sistema ġuridiku ngliż jissejjaħ "wilfully shutting one's eyes", li jammonta għal "reklessness", u kwindi għal "criminal misconduct"; fil-każ in ispeċje, kolpa kontravvenzjonali;

Gie diskuss, fid-dibattitu, l-inċident ta' Emmanuela Bartolo, peress li din qalet lill-imputati Hannaford, meta daħħlet magħha lit-tifel Francis Bartolo, li "tieħu r-responsabbiltà tiegħu";

Il-Qorti, meta eżaminat il-kumpless tal-provi dwar dan l-inċident, pjuttost deħrilha, u hi ta' fehma, li l-imġieba ta' din Bartolo kienet tali li kellha żżid is-suspett tal-imputati Hannaford, apparti anki l-apparenza fiżika tat-tifel; għaliex evidentement riedet li t-tifel jidħol magħha, peress li ma riedetx tħallieh id-dar waħdu u ntant xtaqet tara l-film, u għalhekk, sabiex ma tgħidx ħaġa falza (ċjoè li hu kellu sittax il-sena), ittrinċerat ruħha wara dik il-frażi minnha ripetuta "ad nauseam";

Għalhekk il-Qorti jidhrilha li l-Maġistrat wasal għad-deċiżjoni korretta;

Konsegwentement tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Żmien għall-ħlas għaxart ijiem mil-lum.